LINJI GWIDA LI JIRRIGWARDJAW L-APPLIKAZZJONIJIET GHAL MIŻURI BIEX JITTEJBU L-KUNDIZZJONIJIET GHALL-PRODUZZJONI U S-SUQ TA’ PRODOTTI TA’ L-APIKOLTURA 2010

It-trobbija tan-naħal huwa settur fl-agrikoltura, li l-funzjonijiet prinċipali tiegħu huma l-attività ekonomika u l-iżvilupp rurali, il-produzzjoni ta’ l-għasel u ta’ prodotti oħrajn u li jżommu il-bilanċ ekoloġiku.

Minħabba l-marda tal-Varroa li tinsab mifruxa f’diversi Stati Membri u l-problemi li ġġib magħħa din il-marda, l-Unjoni Ewropea ħasset li għandha tittieħed azzjoni, peress li din il-marda ma tistax tinqered kompletament u jridu jiġu wżati ċertu prodotti approvati minnha.

Ghal dan il-għan u biex jittejbu l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u s-suq ta’ prodotti tal-Apikoltura qed jiġi mniedi Programm Nazzjonali kull tliett snin li permezz tiegħu qed jinġiebu fondi mill-Unjoni Ewropea li qed jintużaw biex tingħata għajnuna lil min irabbi n-naħal. L-Unjoni Ewropea tipprovdi 50% tal-fondi filwaqt li l-Gvern Malti joħroġ l-50% l-oħra tal-fondi allokati.

**<u>Miżuri tal-Għajnuna</u>**

**<u>Lista tal-Miżuri</u>**

1. Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u l-għaqdiet ta’ min irabbi
    a. Materjal għat-taħriġ
    b. Kotba
    c. Seminars

**(Din il-miżura hija applikabbli għat-Taqsima tal-Apikoltura li qiegħda mad-Dipartiment tal-Agrikoltura biss).**

2. Kontroll tal-Varroa
    a. Taħriġ ta’ kif tikkontrolla l-Varroa
    b. Trattament tal-Varroa
    c. Riċerka

3. Għajnuna għat-trasport tan-naħal
    a. Xiri ta’ attrezzaturi żgħar għall-ġarr tan-naħal
    b. Identifikazzjoni ta’ siti fejn tikber flora li hi tajba għan-naħal

4. Għajnuna għall-laboratorji li jagħmlu analiżi tal-għasel
    a. Analiżi tal-għasel

5. Għajnuna biex jinżamm in-numru ta' kolonji tan-naħal
    a. Xiri ta' kolonji tan-naħal
    b. Xiri ta' rġejjen u apparat li jintuża fit-tnissil tal-irġejjen

6. Koperazzjoni ma' entitajiet speċjalizzati biex isir xogħol ta' riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-Apikoltura
    a. Riċerka fuq teknika avvanzata fit-trobbija tan-naħal

**Benefiċjarji Eliġibbli**

Kull min hu rreġistrat mas-Sezzjoni tal-Apikoltura kif ukoll l-ghaqdiet tan-naħal jistgħu japplikaw għal dawn il-fondi.

Dawk l-għaqdiet tan-naħal jew min irabbi n-naħal li jkunu diġa ħadu xi għajnuna fuq dawn l-istess miżuri tal-Apikoltura mir-Regolament tal-Kummissjini (KE) No 74/2009 li jitratta l-Iżvilupp Rurali mhumiex eliġibbli.

**Dokumenti Neċessarji**

- Kopja tal-Karta tal-Identita'
- Fil-każ ta' miżuri 1,3, 4 u 6, irċevuti fiskali
- Fil-każ ta' Ghaqda huwa meħtieġ lista tal-membri tal-kumitat u kopja tal-karta tal-Identitá tagħhom, l-Istatut iffirmat mill-president u s-segretarju, Programm dettaljat ta' l-attivitajiet u Pjan Finanzjarju.

**Promozzjoni tal-Miżuri**

Dawn il-miżuri se jiġu ppubblikati għal min ikun interessat li japplika permezz ta':

Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern

**Il-Fondi Allokati**

Il-benefiċjarji se jieħdu fondi skont id-dettalji tal-applikazzjoni tagħhom.

Fir-rigward tal-miżuri 1, 3, 4 u 6, il-flus ser jitqassmu skont l-irċevuti li jiġu ppreżentati ma' l-applikazzjoni dejjem jekk ikun hemm biżżejjed flus. Jekk l-ammont ta' talbiet għall-pagamenti jaqbeż l-ammont ta' flus disponibbli allura se jkun hemm sistema ta' punti u l-flus jitqassmu skont kemm l-applikant ikun ħa punti. Il-punti ser jingħataw fuq din il-kriterja:

- Kemm tkun relevanti l-ispiża mal-miżura
- Ir-relevanza tat-taħriġ/riċerka/studju mal-miżura
- Kemm ser jibbenefikaw nies li jrabbu n-naħal minn din l-azzjoni
- Ir-riżultat ta' din l-azzjoni
- Kemm din l-azzjoni tkun sostenibbli

Fir-rigward tal-miżuri 2 u 5 il-flus ser jitqassmu skont in-numru ta' kolonji. L-ammont li jitħallas lil benefiċjarju ma jistax jaqbeż l-ispiża annwali ta' 10 Ewro kull kolonja għal miżura 2 u 7 Ewro kull kolonja għal miżura 5.

L-ammont totali ta' fondi allokati għal dawn il-miżuri huwa ta' 7,854 Euros għas-sena 2010. Taħt l-ebda ċirkostanzi ma jista' jinqabeż l-ammont ta' flus allokati mill-UE u mill-Gvern ta' Malta kif jidhru fit-tabella hawn taħt.

| Miżura | Kontribuzzjoni KE | Kontribuzzjoni Gvern ta' Malta | Totali |
|---|---|---|---|
| Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal jew għaqdiet relatati | | | |
| a. Materjal għat-taħriġ | 256 | 256 | 512 |
| b. Kotba | 169 | 169 | 338 |
| c. Seminars | 468 | 468 | 936 |
| ***(Applikabbli għat-Taqsima tal-Apikoltura li qiegħda mad-Dipartiment tal-Agrikoltura biss).*** | | | |
| *Sub-total* | 893 | 893 | 1786 |
| Kontroll tal-Varroa | | | |
| a. Taħriġ ta' kif tikkontrolla l-Varroa | 284 | 284 | 568 |
| b. Trattament tal-Varroa | 1216 | 1216 | 2432 |
| c. Riċerka | 105 | 105 | 210 |
| *Sub-total* | 1605 | 1605 | 3210 |
| Għajnuna għat-trasport tan-naħal | | | |
| a. Xiri ta' attrezzaturi żgħar | 49 | 49 | 98 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| għall-ġarr tan-naħal<br>b. Identifikazzjoni ta' siti fejn tikber flora li hi tajba għan-naħal | 85 | 85 | 170 |
| *Sub-total* | 134 | 134 | 268 |
| Għajnuna għal laboratorji li jagħmlu analiżi tal-għasel<br>a. Analiżi tal-għasel | 536 | 536 | 1072 |
| *Sub-total* | 536 | 536 | 1072 |
| Għajnuna biex jinżamm n-numru ta' kolonji tan-naħal<br>a. Xiri ta' kolonji tan-naħal<br>b. Xiri ta' rġejjen u apparat li jintuża fit-tnissil ta' l-irġejjen | 299<br>147 | 299<br>147 | 598<br>294 |
| *Sub-total* | 446 | 446 | 892 |
| Koperazzjoni ma' entitajiet speċjalizzati biex isir xogħol ta' riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-Apikoltura<br>a. Riċerka fuq teknika avvanzata fit-trobbija tan-naħal | 313 | 313 | 626 |
| *Sub-total* | 313 | 313 | 626 |
| Totali Euros | 3927 | 3927 | 7854 |

Tabella 1: Fondi allokati

L-Aġenzija għall-Pagamenti tista' titlob il-flus lura mingħand l-applikant. Din in-notifika, bil-miktub, tkun effettiva mingħajr il-bżonn ta' proċeduri legali. L-Aġenzija għall-Pagamenti m'hi se taċċetta ebda notifika ta' oġġezzjoni bil-miktub taħt l-ebda ċirkustanza.

**Monitoraġġ tal-Programm**

L-Aġenzija għall-Pagamenti hija responsabbli biex tikkoordina u tagħmel monitoraġġ tax-xogħol involut f'dan il-programm. Hija għandha tirċievi informazzjoni regolari mingħand min irabbi n-naħal u se tkun responsabbli għall-evalwazzjoni u l-ispezzjonijiet.

L-uffiċċjal li jkun qed jagħmel l-ispezzjonijiet għandu d-dritt jitlob li jara l-irċevuti tal-ispejjeż li jkunu saru fuq il-miżuri 2 u 5.

**Irregolaritajiet**

Jekk waqt l-ispezzjonijiet jinstab li jkun hemm inqas kolonji milli jkun iddikjarat fuq l-applikazzjoni, jitnaqqas l-ammont ta' flus li jkun intalab u l-benefiċjarju jitħallas fuq l-ammont ta' kolonji misjuba. Dan japplika biss jekk id-diskrepanza ta' bejn kolonji misjuba u dawk iddikjarati ma tkunx iktar minn +9.99%.

Jekk id-diskrepanza misjuba tkun daqs jew iktar minn +10% imma mhux ikbar minn +19.99% l-ammont ta' flus mitlub jitnaqqas b'50%.

Il-benefiċjarju jiġi eskluż milli jitħallas fis-sena kurrenti u fis-sena ta' wara jekk id-diskrepanza tkun daqs jew iktar minn +20%.

**Applikazzjoni**

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jinġabru u jimtlew mill-*Front Office* tal-Aġenzija għall-Pagamenti li jinsab Triq Luqa, Qormi u mill-*Front Office* tal-Aġenzija għall-Pagamenti ġewwa l-Farm tal-Gvern, ix-Xewkija, Ghawdex.

L-applikazzjonijiet jiġu aċċettati mit-12 ta' Lulju sas-16 ta' Lulju 2010.

Applikazzjonijiet li jidħlu wara d-data tal-għeluq ma jiġux ikkunsidrati.